Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

**Nru. 500** **AWWISSU 2018**

## Il-Lajċi fil-Knisja u fil-ħajja pubblika

### fl-okkażjoni tal-500 ħarġa tan-*Newsheet* tal-Għaqdiet Kattoliċi

Meta nħarsu lejn il-Poplu ta' Alla tajjeb niftakru li aħna lkoll sirna membri tal-Knsiaj bħala lajċi. L-ewwel sagrament, dak li jimmarka għal dejjem l-identità tagħna, u li rridu nkunu kburin bih, hu l-magħmudija. Permezz ta' dan is-sagrament u bid-dilka tal-Ispirtu s-Santu, (il-fidili) "jiġu kkonsagrat biex jiffurmaw tempju spiritwali u saċerdozju qaddis" (Lumen Gentium, 10). Il-konsagrazzjoni ewlenija u fundamentali tagħna tniżżel l-għeruq tagħha fil-magħmudija tagħna. Ħadd ma tgħammed qassis jew isqof. Għammduna bħala lajċi, u dan hu is-sinjal li ħadd qatt ma jista' jħassar...

Bosta drabi waqajna fit-tentazzjoni li naħsbu li l-lajċi impenjati huma biss dawk li jaħdmu fl-opri tal-Knisja u/jew fil-ħidma tal-parroċċa jew tad-djoċesi, u ftit irriflettejna kif għandna nakkumpanjaw l-imgħammdin fil-ħajja pubblika u fil-ħajja ta' kuljum; fuq kif, fil-ħajja ta' kuljum il-lajċi jimpenjaw lilhom infushom fil-ħajja pubblika skont ir-responsabbiltajiet li għandhom.

Mill-**ITTRA TAL-PAPA FRANĠISKU LIL-LAJĊI** – 19 ta' Marzu 2016.

## "Kont barrani u lqajtuni" (Mt 25:35)

### Mons. Isqof Mario Grech | Ittra lill-Poplu ta' Alla | 60/2018

Fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jitkellem dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Mulej, jew, kif nafuha aħna, il-quddiesa, u l-ikla tal-Aħwa, dik li kienet tissejjaħ "agape". Kienu jiltaqgħu f'xi dar biex jagħmlu ikla u fl-istess okkażjoni jiċċelebraw l-Ewkaristija. Peress li spiss kien jiġri li l-għonja kienu jieklu għalihom u jittraskuraw lill-foqra, San Pawl jgħidilhom li, biex isseħħ l-għaqda mal-ġisem ta' Kristu permezz tat-tqarbin, kellha sseħħ ukoll l-għaqda fost l-aħwa, billi jaqsmu l-ikel flimkien. Bi kliem iebes San Pawl jgħid lil-Insara: "Jew tridu twaqqgħu fil-għajb il-Knisja ta' Alla u ġġiegħlu jistħu lil dawk li ma għandhomx?" F'kelma waħda, l-Ewkaristija kienet titlef mit-tifsira u mill-effikaċja tagħha meta l-foqra kienu jiġu mwarrba u ddisprezzati (ara 1 Kor 11:17-34).

...

Fost il-foqra ta' żminijietna għandna tant immigranti li, għal xi raġuni jew oħra, jitilqu lil pajjiżhom biex ifittxu futur aħjar. Ta' spiss, partikularment fix-xhur tas-sajf, nisimgħu u naraw ġrajjiet li jsewdu l-qalb, ta' persuni, familja u anke trabi li jitilfu ħajjithom fil-Mediterran.

...

Nifhem li m'hemmx soluzzjonijiet sempliċi għal din l-emerġenza kbira li qed isseħħ madwarna. Imma mqanqal mill-Kelma ta' Alla u mill-eżempju tal-Imgħallem tagħna Ġesù, li "ftaqar biex nistagħnu aħna" (2 Kor 8:9), inħoss li bħala komunità li temmen, aħna ma nistgħux nibqgħu siekta u b'idejna fuq żaqqna quddiem din it-traġedja li tmiss lil pajjiżna u lill-Unjoni Ewropea mill-qrib.

Hu f'dan id-dawl li l-Ħadd li għadda, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tas-Sokkors, f'Ta' Kerċem, jien għamilt stedina biex il-ġbir li jsir nhar il-festa titulari tal-komunitajiet parrokkjali tagħna jmur għall-ħidma mal-immigranti li twettaq il-*Jesuit Refugee Service* f'pajjiżna. Anke jekk dan il-ġest tagħna hu biss qatra f'oċejan, inkunu qed nissieħbu fil-ħidma ta' din l-organizzazzjoni ta' karità tal-Ġiżwiti b'risq dawn il-foqra ta' żminijietna. B'dan il-mod, waqt li niċċelebraw il-pontifikali solenni u nifirħu flimkien fl-okkażjoni tal-festi patronali tagħna, aħna nkunu qed "nibku ma' min jibki" (Rum 12:15) u nagħtu sens aktar sħiħ lill-quddies u lill-festi sbieħ li niċċelebraw.

Jien naf li l-poplu tagħna hu wieħed ġeneruż u jaf iwieġeb għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Nagħmlilkom mill-ġdid dan l-appell, biex mill-ftit tagħna nkunu ta' servizz għal min hu fil-bżonn.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, illum il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2018, festa ta' San Benedittu, Abbati u Patrun tal-Ewropa.

## *appuntamenti mid-djarju...*

**VELJA TAL-GĦID TAL-ASSUNTA**

14 ta' Awwissu | Zuntier tas-Santwarju tal- Madonna Ta' Pinu | 8.00pm

**MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA F'MARSALFORN**

It- Tlieta, 21 ta' Awwissu 2018 | Marsalforn

**7.00pm:** Ružarju fi Triq il-Wied.

**7.30pm:** Quddiesa preseduta minn Mons. Isqof Mario Grech.

| | |
|---|---|
| 1.L-Erbgħa | San Alfons Marija de' Liguori, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Minn nofsinhar tal-lum sa nofsillejl ta' għada tista' tintrebaħ l-Indulġenza tal-Porzjunkula bi żjara f'xi knisja parrokkjali u/jew f'xi knisja tal-Franġiskani.<br>L-14-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 2.Il-Ħamis | San Pietru Ġiljan Eymard, Presbiteru. Tifkira. Jew San Ewsebju, Isqof ta' Verċelli. Tifkira. |
| 3.Il-Ġimgħa | L-Ewwel Gimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti u Gradwati (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm). |
| 4.Is-Sibt | San Ġwann Marija Vianney, Presbiteru, Patrun tal-Kappillani u tas-saċerdoti. Tifkira (O).<br>Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore. Tifkira.<br>L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **5.Il-Ħadd** | **It-tmintax - il Ħadd ta' Sena B.**<br>**Festa ta' San Ġużepp (Parroċċa Qala).** |
| 6.It-Tnejn | **It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Festa.** |
| 7.It-Tlieta | San Gejtanu, Presbiteru. Tifkira. |
| 8.L-Erbgħa | San Duminku, Presbiteru. Tifkira (O).<br>Il-15-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 9.Il-Ħamis | Santa Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein), Verġni u Martri. Patruna tal-Ewropa. Festa.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 10.Il-Ġimgħa | San Lawrenz, Djaknu u Martri. Festa.<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja. |
| 11.Is- Sibt | Santa Kjara, Verġni. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **12.Il-Ħadd** | **Id-Dsatax-il Ħadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa ta' San Lawrenz (Parroċċa San Lawrenz).** |
| 13.It-Tnejn | San Ponzjanu Papa u San Ippolitu, Saċerdot u Martri. Tifkira. |
| 14.It-Tlieta | San Massimiljan Marija Kolbe, Prebiteru u Martri. Tifkira (O).<br>Vġili tat-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema.<br>Velja tal-Għid tal-Assunta fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu (8.00pm). Wara l-Velja, jitkompla l-Lejl mill-Moviment Ewkaristiku Djoċesan u jagħlaq b'Quddiesa f'nofsillejl. |
| **15.L-Erbgħa** | **Solennità tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija,** Patruna speċjali tal-Belt Victoria u tad-Djoċesi ta' Għawdex u titular tal-Katidral. Festa kkmandata (Obbligu tal-Quddies).<br>**Festa ta' Santa Marija ( Parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex).** |
| 16.Il-Ħamis | San Stiefnu tal-Ungerija. Tifkira. |
| 17.Il-Ġimgħa | Santa Kjara ta' Montefalco, Verġni. Tifkira. |
| 18.Is-Sibt | Santa Elena, Imperatriċi. Tifkira.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Knisja ta' San Pawl, Marsalforn (6.30pm: Adorazzjoni u fis-7.30pm: Quddiesa).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **19.Il-Ħadd** | **Il- Għoxrin Hadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa ta' Marija Assunta (Parroċċa Żebbuġ).** |
| 20. It-Tnejn | San Bernard , Abbati u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Ir-4 Dehra tal-B.V.M. ta' Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni, fis-7.00pm quddiesa bl-omelija u wara Pellegrinaġġ ta' Talb. |
| 21 It-Tlieta | San Piju X, Papa. Tifkira (O).<br>**Manifestazzjoni Marjana Marsalforn** (7.00pm: Rużarju; 7.30pm quddiesa). |
| 22.L-Erbgħa | Il-Verġni Mqaddsa Marija Reġina. Tifkira (O). |
| 23.Il-Ħamis | Santa Roża ta' Lima Verġni. Tifkira. |
| 24.Il-Ġimgħa | San Bartilmew, Appostlu. Festa. |
| 25.Is-Sibt | San Ġużepp Calasanz, Presbiteru. Tifkira. Jew San Ludoviku IX. Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **26.Il-Ħadd** | **Il-Wieħed u Għoxrin Hadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa tal-Madonna ta' Loreto (Parroċċa Għajnsielem).** |
| 27.It-Tnejn | Santa Monica. Tifkira (O). |
| 28.It-Tlieta | Santu Wistin, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Festa Knisja ta' Santu Wistin, Victoria. |
| 29.L-Erbgħa | Il-Martirju ta' San Ġwann Battista. Tifkira (O). |
| 30.Il-Ħamis | Santa Jeanne Jugan, Verġni. Tifkira. |
| 31.Il-Ġimgħa | San Rajmondu Nonnato. Tifkira. |